

Brussell, 7 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15560/17

SIRIS 214
COMIX 824

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 7 ta' Diċembru 2017

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 15222/17

Suġġett: Żvilupp tal-Uffiċċji SIRENE fil-qafas tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

- Konklużjonijiet tal-Kunsill (7 ta' Diċembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-Uffiċċji SIRENE fil-qafas tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, kif adottati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fis-7 ta' Diċembru 2017.

**KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL
DWAR L-IŻVILUPP TAL-UFFIĊĊJI SIRENE
FIL-QAFAS TAS-SISTEMA TA' INFORMAZZJONI TA' SCHENGEN**

Il-Kunsill,

Filwaqt li jirrikonoxxi li l-kooperazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u l-Uffiċċji SIRENE hija l-aktar għodda ta' suċċess għall-kooperazzjoni effettiva bejn il-pulizija, id-dwana, l-immigrazzjoni u l-awtoritajiet għidizzjarji fl-UE u fil-pajjiżi assoċjati ta' Schengen, u li dawn jaqdu rwol kruċjali fil-faċilitazzjoni tal-moviment liberu ta' persuni fiż-żona Schengen u fis-salvagwardja tas-sigurtà tal-Ewropa, inkluż il-għieda kontra t-terroriżmu,

Filwaqt li jieħu nota li fl-2016 is-SIS ġiet aċċessata erba' biljun darba mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li fiha aktar minn 70 miljun twissija u li aktar minn ħames mija u ħamsin persuna jew oġġett jinstabu kuljum permezz tal-kooperazzjoni SIS u l-Uffiċċji SIRENE fiż-żona Schengen kollha,

Filwaqt li jfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' April 2009¹, li, fost l-oħrajn, appellaw għat-titjib ulterjuri tal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u appellaw lill-Istati Membri biex jiehdur miżuri adatti u fil-pront biex ilaħħqu ma' dan l-iżvilupp u biex tiġi żgurata r-rapidità u l-kwalità għolja tal-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji SIRENE,

Filwaqt li jieħu nota tal-analiżi statistika li turi li l-għadd totali ta' twissijiet fis-SIS prattikament ittrippla fi tmien snin u li l-għadd ta' hits pproċessati mill-Uffiċċji SIRENE żdied sostanzjalment, speċjalment minn mindu bdiet topera s-SIS II fl-2013 u ġew introdotti funzjonalitajiet ġodda għall-għieda kontra t-terroriżmu fl-2015,

¹ Ara 8107/09 (http://europa.eu/rapid/press-release_PRES-09-83_en.htm?locale=en)

Filwaqt li jirrikonoxxu li l-bażijiet legali tas-SIS li qed jiġu diskussi bħalissa u inizjattivi ġodda oħrajn – b'mod partikolari l-EES u l-ETIAS, iżda wkoll l-interoperabbiltà kollha kemm hi – jistgħu biss jiġu adottati b'suċċess jekk l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari, li għandha tiġi pprovduta mill-Uffiċċji SIRENE, ikun fluwidu,

Filwaqt li jirrikonoxxi li fil-futur qarib hija mistennija żieda rapida fl-għadd ta' twissijiet u hits, u għaldaqstant il-volum ta' xogħol tas-SIRENE għandu jittieħed inkonsiderazzjoni filwaqt li jittieħdu miżuri rilevanti,

Filwaqt li jieħu nota tal-eżitu tar-riċerka dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-SIRENE li juri li minkejja ż-żieda fil-volum tax-xogħol, kien hemm tnaqqis konsiderevoli fl-għadd tal-persunal tas-SIRENE, filwaqt li miżuri oħrajn mhux qed jiġu pprovduti bl-aħjar mod possibbli,

Waqt li jirrikonoxxi li l-Istati Membri jistgħu, madankollu, ikomplu jtejbu l-kontribut operattiv tas-SIS, avolja ż-żieda fil-volum ta' xogħol tal-Uffiċċji SIRENE marbuta maż-żieda fl-għadd ta' twissijiet u hits fis-SIS kif ukoll ma' kompiti oħrajn (MAE, eċċ) għadha ma ġietx koperta minn żieda korrispondenti fl-għadd tal-membri tal-persunal u l-awtomatizzazzjoni tal-fluss tax-xogħol, u li din is-sitwazzjoni għandha impatt negattiv sostanzjali fuq l-abbiltà operattiva tas-SIRENE u għandha tiġi ttrattata malajr u b'mod effettiv,

- (1) *Jilqa'* l-kontribut konsiderevoli tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, inkluż il-kooperazzjoni SIRENE, fil-protezzjoni taż-żona mingħajr kontrolli fuq il-fruntieri interni, speċjalment fil-kuntest tal-isfidi attwali tal-migrazzjoni u t-terroriżmu fiż-żona ta' Schengen;
- (2) *Jilqa'* l-istatistika dwar it-twissijiet u l-hits fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen pprovduta mill-Istati Membri u l-eu-LISA u *jħeġġeġ* lill-Istati Membri biex jistabbilixxu valutazzjoni annwali unifikata tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-SIRENE, bil-ħsieb li jiġi żgurat appoġġ fluwidu u kontinwu lill-utenti aħħarin, fuq bażi ta' 24/7. *Jinkariga* lill-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (SIS/SIRENE) bis-segwitu ta' dan l-isforz, li jkun ffukat b'mod partikolari fuq il-volum tax-xogħol ibbilanċjat u r-riżorsi disponibbli, filwaqt li wieħed iqis il-proċessi tal-awtomatizzazzjoni u l-aċċessibbiltà ta' informazzjoni supplimentari fil-livell nazzjonali;

- (3) *Jistieden* lill-Istati Membri biex jieħdu passi biex jiġu eżaminati aktar il-possibbiltajiet interni għall-iffissar ta' limiti fuq il-flussi tal-informazzjoni u biex isibu l-aħjar soluzzjonijiet malajr u b'mod effettiv;
- (4) *Jinnota* t-tkabbir sinifikanti fil-volum tax-xogħol tal-Uffiċċji SIRENE u *jappella* lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri adatti u fil-pront:
- biex ilaħħqu mal-iżviluppi msemmija hawn fuq, speċjalment fil-qasam tal-interoperabbiltà;
 - biex jiżguraw ir-rapidità u l-kwalità għolja tal-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji SIRENE;
 - biex itejbu l-kooperazzjoni, fil-livell nazzjonali, bejn l-Uffiċċji SIRENE u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri;
 - biex jagħtu riżorsi umani xierqa u sistemi tal-fluss tax-xogħol pertinenti lill-Uffiċċji SIRENE.
-